MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 269/2005

**Classic Group Limited**

**Vs**

**Carmen Aquilina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u sebghin lira tmienja u sebghin centezmu (Lm273.78) rapprezentanti ammont ekwivalenti li kien gie mhallas indebitament lill-istess konvenuta fi tmiem l-impjieg taghha kif jirrizulta mill-anness prospett mmarkat Dok A u liema ammont baqa ma thallasx hlief ghas-somma ta ghaxar liri Dok D nonostante interpellanzi maghmula permezz ta ittra legali Dok B u ta ittra ufficcjali Dok C.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi dekorribbli mid-data tal-precitata ittra ufficcjali Dok C tal-1 ta Marzu 2004 kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni. .

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti u b'mod partikolari lejn in-nota ta riduzzjoni prezentata fid-9 ta Novembru 2005 stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fin-nota ta riduzzjoni datata 9 ta Novembru 2005 cioe dik fl-ammont ta mitejn u tlettax il-lira tmienja u sebghin centezmu (Lm213.78) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta Marzu 2004 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------